# Fondazzjoni Gal Xlokk

**Is-Sibt l-01 ta' Diċembru 2012**

## Il-Futur tal-Piroteknika f'Malta

Il-logħob tan-nar qiegħed hemm biex jibqa' għaliex ħadd ma jrid li jeqred tradizzjoni Maltija li hija parti ntegrali mill-kultura tagħna, imma hemm bzonn li din it-tradizzjoni titħaddem b'mod aktar sigur. Dan kien punt ewlieni li ħareġ minn seminar Nazzjonali organizzat mill-Fondazzjoni Gal Xlokk dwar il-futur tal-Piroteknika f'Malta. Dan is-seminar, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu ġabar flimkien numru ta' esperti u persuni li jaħdmu n-nar kif ukoll rapprezentanti taz-zewg partiti ewlenin biex jiddiskutu l-aspetti ewlenin ta' dan is-suġġett.

Silvio Schembri, Manager tal-Fondazzjoni Gal Xlokk qal li t-triq il-quddiem m'għandhiex tkun li bħala pajjiz insibu modi kif inkomplu nirristrinġu din it-tradizzjoni jew billi nagħmlu l-ħajja aktar diffiċli ghal dawk li jaħdmu l-pirotkenika. "Is-soluzzjoni sabiex insaħħu din it-tradizzjoni tezisti f'azzjoni waħda li għandha tittieħed id f'id bejn l-awtoritajiet, l-esperti li jifhmu f'dan il-qasam u d-dilettanti tal-piroteknika biex ngħollu l-livell u l-kwalita fil-manifattura tax-xoghol pirotekniku," sostna Schembri.

Il-Professur Alfred J Vella, chairman tal-kummissjoni ta' nkjesta fuq l-aċċidenti fil-kmamar tan-nar spjega kif f'pajjizna ghandna ammont inaċċettabli ta' fatalitajiet ikkawzati minn kmamar tan-nar. Sostna li li l-istorja tal-inċidenti li ġraw fl-aħħar tletin sena turi li l-inċidenti li qed iseħħu qed jizdiedu u li din ix-xejra jidher li se tkompli tikber jekk ma jsir xejn fil-konkret biex tinbidel. "Qed jinharaq ammont esaġerat ta' nar fi zmien qasir f'pajjiz li huwa zgħir ħafna," sostna l-Professur Vella meta kien qed jitkellem dwar l-ammont ta' perklorat li jintuza. Il-Professur Vella qal li minn studju li sar jirrizulta li f'Awissu jkun hemm livell gholi ta' perklorat fl-arja u dan jitbaxxa fix-xhur tax-xitwa. Sostna li l-perklorat li jinstab kullimkien jista' jkun il-kawza ta' ċertu mard serju.Huwa ppropona li jkun hemm kwota fuq l-uzu tal-perklorat.

Il-Professur Victor Axiak qal li filwaqt li ħadd ma jrid li jinqata' n-nar minn pajjizna, wasal iz-zmien li nibdew nahsbu dwar il-possibilita' li jkun hemm kwota ta' kemm logħob tan-

nar jista' jinħaraq. Sostna li d-dettalji ta' din il-kwota ghandhom ikunu stabbiliti bl-għan aħħari li tkun imħarsa s-saħħa pubblika fil-gzejjer Maltin. Sostna li llum qabel għada għandha tibda diskussjoni teknika, xjentifika u pubblika dwar din ir-rakomandazzjoni f'ġieħ is-saħħa ta' kulħadd. Il-Professur Axiak sostna li l-Kummissjoni Interdjocesana Ambjent lesta tikkontribwixxi ghal Ċentru t'Appogg u Esperimentazzjoni.

It-Tabib Godfrey Farrugia, Segretarju tal-Għaqda Piroteknika Maltija saħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni. Qal li meta nħarsu lejn il-futur tal-Piroteknika f'Malta rridu nħarsu lejn il-liġi tal-Isplussiv, lejn il-liġijiet dwar is-saħħa u s-sigurta' ta' min jaħdem u anke' lejn is-saħħa ta' terzi. Semma kif il-kmamar tan-nar f'pajjizna qed jonqsu bil-MEPA izzomm lura milli toħroġ permessi għal kmamar tan-nar ġodda. "Dan qed iwassal għal pressjoni zejda fuq il-kmamar tan-nar ezistenti li qed ikollhom jaħznu u jaħdmu aktar xogħol f'post wieħed," sostna Farrugia filwaqt li zied jgħid li waħda mir-raġunijiet li qed tikkontribwixxi għall-inċidenti fil-kmamar tan-nar hija proprju din il-pressjoni zejda ikkawzata minn nuqqass ta' kmamar tan-nar. Sadanittant it-Tabib Farrugia sostna li m'hemmx provi li juru li l-perklorat jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem.

Josef Camilleri, President tal-Għaqda Piroteknika Maltija qal li hawn min għandu aġenda moħbija biex ibezzgħa lin-nies. Sostna li mhux vera li jezisti periklu fit-trasportazzjoni tal-logħob tan-nar. Semma s-sitwazzjoni f'Għawdex fejn hemm 140 persuna liċenzjata mingħajr m'għandhom kumplessi tan-nar fejn jaħdmu. Camilleri qal li qed ikun hemm kmamar tan-nar mgħobbija b'ħafna ħaddiema jipproduċu n-nar, sitwazzjoni li tkompli zzid il-periklu.

Id-deputat laburista Dr Michael Falzon , li attenda għas-seminar f'isem il-Partit Laburista qal li l-poliċi għandhom diversi doveri fosthom li jħarsu s-saħħa tas-soċjeta kollha kemm hi. Saħaq fuq il-importanza li jinstab bilanċ bejn li l-pajjiz izomm dak li hu tradizzjoni, ma jweggħax lil terzi u jtejjeb dak li diġa jezisti. "Ma naqbilx li ma jinħarġux permessi ta' kmamar tan-nar f'Għawdex u Kemmuna, l-istess kif għandha tiġi ndirizzata l-pozizzjoni li qed tieħu l-MEPA. Ma rridx li nispiċċaw importaturi ta' logħob tan-nar miċ-Ċina," sostna Dr Falzon. Id-deputat laburista saħaq għal aktar minn darba li l-ebda inċident m'hu ġustifikat u għalhekk hemm bzonn li l-kmamar tan-nar ikunu ta' *standard* għoli u li jkollna qafas legali li jirregolarizza l-kimika li tintuza.

Id-deputat nazzjonalista Perit Philip Mifsud qal li filwaqt li jezisti kunsens li n-nar f'pajjizna se jibqa' bħala pajjiz irridu naraw kif se niggarantixxu li din it-tradizzjoni tibqa' u tkun waħda sostenibbli. Semma kif waħda mir-raġunijiet li twassal għal inċidenti serji hija l-kunfidenza zejda li juza min jaħdem in-nar u li sfortunatament f'ċertu kazijiet tirrizulta f'fatalitajiet.

Is-seminar kien indirizzat ukoll min Nicholas Spiteri, espert fl-elettronika tan-nar li għamel prezentazzjoni dwar l-electronic igniters. Spiteri qal li dawn joffru l-facilita li jinħarqu

murtali b'mod preċiz minn post aktar remot. Sostna li dan izid element ta' sigurta f'din it-tradizzjoni. Zied jgħid li hemm numru ta' prekawzjonijiet li jittieħdu biex is-saħħa u s-sigurta ta' min jaħdem in-nar tkun protetta inkluz il-fatt li dawn l-eletronic ignitors ikunu protetti minn kappa apposta u anke' l-fatt li dawn jiddaħħlu fil-murtal innifsu biex joffru aktar protezzjoni.

Is-seminar kien indirizzat ukoll mis-Sindku taz-Zejtun Joe Attard, Chairman tal-Gal Xlokk u minn Justin Schembri studenti tal-arkitettura u l-inġinerija ċivili li spjega l-konkluzjonijiet tat-tezi tieghu li tiffokka fuq strutturi li jistgħu inaqqsu l-impatt ta' spluzzjonijiet fi kmamar tan-nar.

Fondazzjoni GAL Xlokk

1-12-12